MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Numru 971/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**Versus**

**Michael Mifsud**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra Michael Mifsud ta' 20 sena iben Francis u Maria Dolores nee Curmi, mwieeld il-Pieta' fis-6 ta' Diċembru 1985 u residenti fil-fond 'Golden Eagle' Trejqet San Franġisk Żabbar u li għandu l-karta bin-numru tal-identita' 12286 (M)

Akkużat talli:

Nhar l-10 ta' Settembru 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b' diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew mgħmulin

b'riżoluzzjoni waħda, ai termini ta' l-artikolu 18 tal-liġijiet ta' Malta Kap. 9

1. Fit-28 ta' Mejju 2005, bil-lejl, fi Triq in-Nadur Marsaskala, kkommetta serq ta' apparat tal-hifi u diversi oġġetti oħra, li l-valur globali tagħhom jiskorri s-somma ta' mitt Lira Maltin iżda inqas minn elf Lira Maltin, minn ġo vettura ta' l-għamla Hyundai Accent bin-numru tar-reġistrazzjoni FAI097, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-dannu ta' Gilbert Camilleri

2. Kif ukoll talli nhar it-28 ta' Awwissu 2005, bil-lejl, fi Sqaq Lourdes, Swieqi, kkommetta serq ta' apparat tal-hifi u diversi oġġetti oħra, li l-valur globali tagħhom jiskorri s-somma ta' mitt Lira Maltin iżda inqas minn elf Lira Maltin, minn ġo vettura ta' l-għamla Fiat Tempra bin-numru tar-reġistrazzjoni BAP452, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-dannu ta' Kurt Galea.

3. u aktar talli fil-perjodu ta' bejn it-8 u l-10 ta' Settembru 2005, fi Triq Vinċenti Cassar Marsaskala, kkommetta serq ta' apparat ta' l-għaddasa u diversi oġġetti oħra li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' elf lira Maltin, minn ġol-fond 'garage' nru 31, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin u li seħħ għad-dannu ta' Alan Schiavone u/jew Etienne Psaila.

4. U aktar talli f'Malta, fit-18 ta' Ottubru 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibigħhom jew imexxihom, liema oġġetti ġew minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur.

5. u finalment ġie akkużat ukoll talli fid-29 ta' Ottubru 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, ġarr jew żamm munizzjon mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali tal-imputat (fol 8), it-tweġiba tal-imputat li “mhux ħati” (fol 9), iż-żewġ ritratti a fol 16, l-istqarrija tal-imputat a fol 17, it-tieni stqarrija tal-imputat a fol 21, id-dokument MM11, ir-ritratti fid-dok JG (seduta tal-25 ta’ Ottubru 2006), il-current incident report (dok MB)(Fol 41), id-dokument TM (fol 48) u NS (fol 54) (iż-żewġ dokumenti juru l-isem ta’ min għamel ir-rapport ta’ serq u l-affarijiet li nsterqu), il-konferma tal-esperti nominati fl-inkjesta (fol 59 B), il-proċess “allegat serq bi sgass minn ‘Garage’ numru 31 Triq Vincent Cassar, Marsaskala tal-10 ta’ Settembru 2005 redatt mill-Maġistrat Dr. Joseph Apap Bologna u l-artikli mibgħutin mill-Avukat Generali.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tl-abbli prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkunsidrat

Il-fatti kienu dawn:

Fis-17 ta’ Ottubru, 2005 il-Pulizija kellha informazzjoni li kienet saret hold-up fi St Anne’s Pharmacy fi Triq il-Qaliet Marsascala. Min kien ikkommetta l-hold up kien halla l-post b’mutur ta’ lewn aħmar FAG 773 li kien rappurtat misruq fil-11 ta’ Settembru, 2005. L-imputat kien ġie arrestat iżda mill-investigazzjoni ma rrizulta xejn (fol 11).

Iżda matul l-investigazzjoni msemmija saru tfittxijiet fir-residenza fejn jgħix l-imputat u f’xi għelieqi li s-sidien tagħhom huma qraba tal-imputat. Hawn instabu afarijiet li kellhom x’jaqsmu ma’ serqiet li seħħew qabel.

Instabu ID card, HSBC Quickcash card u BOV Cashlink card li kienu ta’ ċertu Gilbert Camilleri. Kien hemm ukoll hi-fi equipment u oġġetti li kienu ttieħdu minn karozza Hyundai Accent FAT908 – serqa rappurtata fit-28 ta’ Mejju, 2005.

Instabu uoll passaport Malti, arloġġ ta' parkeġġ u xi għodda li kellhom x'jaqsmu ma' serqa ta' hi-fi equipment u oġġetti oħra minn vettura Fiat Tempra BAP-452, serqa li kienet irrappurtata fit-28 ta' Awwissu, 2005 għad-dannu ta' Kurt Galea.

Instab ukoll diving equipment, wet suit tal-għaddasa, booties, regulator bis-serial number 6022103887, sec stage regulator bis-serial number 600305364, diving computer u hydraulic jug aħmar minn serqa li seħħet fi Triq Vinċenti Cassar, Marsascala. Din is-serqa kienet irrappurtata fit-28 ta' Sttembru, 2005.

Fit-28 ta' Ottubvru, 2005, PC 1337 u PS 390 kienu ltaqgħu mal-imputat fil-10:45pm u sabuh b'ċinturin skrataċ imdawwar miegħu. Fir-residenza tiegħu kienu nstabu ammont ta' bullets u skrataċ li jintużaw fuq armi tan-nar.

**Stqarrija tal-imputat - 19 t'Ottubru, 2005**

L-imputat qal li kien xtara l-affarijiet tad-diving minn ħanut fil-Fgura li qiegħed hdejn ic-Chain Market. Il-gakketta bil-hydraulic kien xtrah mill-monti tal-Belt. Ma kienx jaf minn fejn ġew il-jug iż-żgħir u l-kumpressur (fol 28).

Il-cards kien sabhom fit-triq xi 6 xhur qabel. Huwa ċaħad li kien seraqhom minn karozza Hyundai Accent.

Meta kien mistoqsi dwar l-affarijiet li nstabu f'kamartu (fol 19) kien jaf biss minn fejn xtara l-first aid case.

Huwa nnega ukoll li kien seraq il-passaport u l-oġġetti l-oħra li nstabu f'kamartu.

**It-tieni Stqarrija - 30 ta' Ottubru, 2005**

F'din l-istqarrija l-imputat qal li l-apparat tad-diving kien xtrahom mingħand Mr. Fish.

Hawnhekk l-ispettur ġibidlu l-attenzjoni li l-affarijiet tad-diving kien xtrahom minn ħanut li jbigħ il-ħut.

L-imputat qal li l-arloġġ kien xtrah mill-idejn. Huwa kien xtara ċ-ċinturin taċ-ċomb, il-hood, il-flippers u l-maskla minn għand il-ħanut.

**Xhieda oħra tal-prosekuzzjoni.**

Xehed ps 90 Jeffrey Gerada li qal li kienu ġew elevati diversi affarijiet mill-għelieqi fi Triq il-Kapuccini, fil-preżenza tal-imputat (fol 28). L-għelieqi qal li kienu tiegħu jew ta’ missieru iżda kien jgħamel użu minnhom hu. A fol 130, ix-xhud qal li fid-29 t’ ottubru, 2005 kien ra lill-imputat biċ-ċinturin bl-iskrataċ. Saret tfittxija fil-kamra tiegħu fil-fond “Golden Eagle” Triq San Franġisk, Żabbar. U kienu elevati xi wet suits u apparat ta’ qiegħ il-baħar (fol 28). Barra dawn kien hemm passaport bl-isem ta’ Kurt Galea, flick knife, nuċċali tal-vista u xi batteriji, Fil-garaxx missier l-imputat kien sab ID card u xi cards tal-bank. Fit-28 t’Ottubru, 2005, ix-xhud u PC 1337 raw lill-imputat b’cinturin tal-iskrataċ imdawwar miegħu. Id-dar ma kien hemm ebda senter. Dak il-ħin l-imputat qal li kien għadu ġej mid-dar.

Mill-kamra tal-imputat kienu ġew elevati ukoll żewġ brieret, żewġ nuċċalijiet, żewġ balaklavi u xi affarijiet oħra (fol 29). Instabu ukoll xi latex gloves li jużaw għall-operazzjonijiet. Fid-29 t’ Ottubru, 2005 kienu sabu 11-il balla live fil-fond “Golden Eagle” Triq San Franġisk, Żabbar fir-residenza tal-imputat. Instabu ukoll 5 skrataċ vojta u tliet balal live oħra (fol 30). Ġo borża tal-plastic ohra kien hemm tliet balal oħra. Kien hemm aktar balal barra minn dawn.

Ix-xhud kien muri l-eżebiti u kkonfermahom (fol 32).

PC 1337 Kevin Curmi kkonferma dak li xehed PS 90 Jeffrey Gerada. Semma ukoll li mill-għelieqi kien elevat

jug aħmar li wara rriżulta li kien insteraq minn garage f’Wied il-Għajn. (fol 35).

PS 91 Michael Buttigieg li pprezenta lil-current incident report b’rapport ta’ serq li sar ta’ 13-il oġġett (fol 42) u minn garage 30 Vinċenti Cassar Street Marsascala.

WPC 210 Tanya Mangion ipprezentat il-current incident report fuq rapport minn Gilbert Camilleri fejn qal li kienu insterqu Stereo, amplifier u kartiera mill-karozza tiegħu (fol 48). Is-serqa saret fit-28 ta’ Mejju, 2005.

PS 1244 Nicolai Sant ippreżenta current incident report wara rapport mis-sur Kurt Galea li sab mill-vettura tiegħu ipparkjata gos-Swieqi. Din saret fit-28 ta’ Awwissu 2005.

PS 964 Robert Scicluna kkonferma r-ritratti esebiti (fol 62) waqt li PS 602 Jonathan Attard kkonferma r-rapport li kien ħejja għall-inkjesta (fol 8 tal-proces verbal).

Il-Perit Tekniku Philip Zammit kkonferma li s-serqa saret fil-garaxx fi Triq Vinċenti Cassar, Marsascala , li kienet saret hsara fuq il-bieb li tiswa LM15 u a fol 89 et tidher lista tal-affarijiet misruqa. Id-diving equipment jiswa madwar LM700.

Xehed ukoll Gilbert Camilleri li qal li fit-28 ta’ Mejju, 2005 kien sab il-Hyundai Accent ħadra tiegħu b’dawn l-affarijiet neqsin: stereo; wallet; amplifier; u ashtray tal-fidda.

Xehed Alan Schiavone u qal li fit-28 ta’ Settembru, 2005 kien sab xi xi jugs (fol 12) neqsin u xi affarijiet oħra li ma kienux tiegħu iżda nzertaw hemm (fol 118). Dawn l-affarijiet kienu diving equipment ta’ Etienne Psaila. A fol 126 u 127 huwa gharaf il-jug tieghu.

Xehed Etienne Psaila li qal kien ittieħed l-equipment tad-diving kif ukoll libsa f’żewġ bicciet, regulator shih b’kollox jiġifieri bil-computer b’kollox, flippers, maskla, booties u kumpressur tal-arja. Dawn jiswew bejn LM800 u LM900 (fol 123) u kien hemm l-ID card number kif muri fir-ritratt.

Ix-xhud għaraf ir-regulator (fol 124) u kkonferma li fuq ir-regulator kien hemm l-ID card number tiegħu.

Xehed ukoll PC 1111 Joseph Seguna li ddeskriva x'kien instab fir-residenza tal-imputat waqt tfittxija fid-29 t' Ottubru, 2005.

PC 453 Brian Cassar ikkonferma li kien ħa 18-il ritratt fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Michael Mallia.

WPC 123 Jeanette Cicala (fol 142) xehdet li l-imputat m'għandux liċenzja biex iżomm xi armi.

Fis-27 ta' Lulju 2007 xehed Kurt Galea li qal li kien għamel rapport lill-Pulizija meta fit-28 t' Awwissu, 2005 huwa sab ħġieġa mkissra fil-karozza tiegħu Fiat Tempra u s-sunroof sfrundat. Kienu serqulu radju, wallet, passaport u parking meter (fol 152). Il-marka tal-istereo meħud kienet Kenwood. Fl-istereo kellu xi CDs. Dan l-istereo kien jiswa xi LM125 u kien mixtri fix-xhur ta' qabel. Huwa għaraf il-parking meter u l-iscrewdriver.

**Xhieda Difiża.**

L-ispettur Michael Mallia in kontro-eżami qal li ma kienx għandu invetigazzjoni dwar ta' min hi l-l-propjeta. Għalkemm parti mill-oġġetti nstabu fuqu (fol 166).. Fir-residenza msemmija l-imputat jgħix ma' missieru. Xi affarijiet instabu fil-kamra tal-irqad tal-imputat. Sat-8 ta' Mejju, 2009 il-fedina penali tal-imputat kienet għadha netta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mix-xhieda prodotti jinsab soddisfaċentement ippruvat li l-affarijiet elevate nstabu jew f'xi għelieqi li l-imputat għandu aċċess għalihom u jużahom jew saħansitra fil-kamra tal-irqad tiegħu.

Il-Qorti kkonsidrat jekk effettivament ir-reati setgħux saru minn ħadd ieħor iżda dan eskludietu għal dawn ir-raġunijiet:

(a) Safejn għandha x'taqsam l-imputazzjoni dwar il-ġarr ta' munizzjon, il-Prosekuzzjoni ipprovdiet xhieda okulari li raw lill-imputat biċ-ċintorin bl-iskrataċ fuqu fil-10.45pm u li sabu aktar munizzjoni fil-fond imsemmi.

(b) Sa fejn għandhom x'jaqsmu t-tliet serqiet imsemmija fl-ewwel tliet imputazzjonijiet , il-Qorti kkonsidrat sew x'qal l-imputat fl-istqarrijijiet tiegħu b'mod partikolari fl-ewwel waħda. Hawnhekk l-imputat ġarr ir-responsabilita' tal-preżenza ta' għadd ta' affarijiet li huwa allega li kien xtrahom. Ma qalx li kienu ta' ħadd ieħor. L-istess għamel dwar is-sejbien tal-ID Card, tal-HSBC quickcash u l-BOV Cards. Dawn qal li kien sabhom u tefagħhom 'hemm'. Dwar oġġetti oħra huwa qal li ma kienx jaf kif ġew hemm hekk waqt li nnega li kien sersaq passaport li nstab fil-kamra tiegħu. Fit-tieni stqarrija tiegħu, l-imputat saħansitra qal li kien xtara xi affarijiet li ssemmewlu bħal affarijiet mixtrija minn fuq il-Monti meta aktar tard fil-proċeduri telgħu jixhdu dwarhom is-sidien tagħhom stess.

Konsegwentement, il-Qorti mhix qed taċċetta is-sottomissjoni jew l-idea li jista' jkun hemm xi dubju għax il-fond – kemm jekk għalqa u kemm jekk dar – seta' ntuża minn ħadd ieħor. Il-Provi li tellgħu l-Pulizija huma b'saħħithom biżżejjed biex jorbtu lill-imputat mat-tliet serqiet imsemmija. Kif jidher mis-sommarji tax-xhieda kollha mogħti fil-paragrafi aktar 'il fuq il-Prosekuzzjoni tellgħet l-uffiċjali li kienu involuti fit-tfittxijiet kollha li saru, dawk li ħadu r-ritratti, kif ukoll id-derubati li setgħu jagħrfu l-oġġetti misrqua minn għandhom.

Dwar l-ewwel imputazzjoni tela' jixhed kemm id-derubat kif ukoll l-uffiċjal li kien ħa l-current incident report u li fih hemm indikazzjoni li nsterqu Lm310 jew aktar (fol 49).

Dwar it-tieni imputazzjoni tela' jixhed kemm id-derubat Kurt Galea kif ukoll a fol 54 hemm l-oġġetti li nstabu

għand l-imputat u li l-ammont tagħhom huwa ogħla minn Lm265.

Dwar it-tielet imputazzjoni xehdu kemm Alan Schiavone kif ukoll Etienne Psaila. Barra li kien hemm saħansitra s-serial numbers ta' ċerti oġġetti, iż-żewġ derubati għarfu l-affarijiet bħala oġġetti li kienu jappartjenu lilhom u l-valur tagħhom kien madwar Lm930. Minħabba l-valur tagħha, din is-serqa għandha titqies bħala l-aktar waħda serja.

Il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel tliet imputazzjonijiet (kollha dwar serq) u mhix tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni stante li din hija alternattiva għall-ewwel tliet imputazzjonijiet.

**Il-ħames imputazzjoni – Żamma ta' munizzjon mingħajr liċenzja tal-Pulizija.**

Il-Prosekuzzjoni ppruvat soddisfaċentement din l-imputazzjoni kemm għaliex tellgħet xhieda okulari li raw lill-imputat bl-iskrataċ barra fit-triq kif ukoll iddeponew xhieda li sabu aktar munizzjon fid-dar tal-imputat. Ittellgħet ukoll prova li l-imputat ma kellux liċenzja biex iżomm munizzjon. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ħames imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278(3), 279(1), 334, 533 tal-Kap 9 u l-artikoli 3(1) proviso, 3(1A) u 19 tal-Kap 66 issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tal-ħames imputazzjoni u mhix tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni li hija alternattiva għall-ewwel tliet imputazzjonijiet.

Il-Qorti qieset li l-imputat kellu fedina penali fi żmien meta twettqu r-reati.

Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tqis ukoll li l-imputat wettaq tliet serqiet, li japplika l-artikolu 278(3) tal-Kap 9, qed tapplika wkoll l-artikolu 18 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu

17(b) tal-Kap 9 minħabba l-ħames imputazzjoni li taqa' taħt il-Kap 66 kif kien invigore fiż-żmien ta' meta twettaq ir-reat. Għalhekk, wara li rat l-artikoli 28A u 28H tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat għal sentejn priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal erba' snin kemm-il darba l-imputat ma jwettaqx xi reat ieħor matul dan il-perjodu. Barra minn dan, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9, l-imputat għandu jħallas lid-derubati dak kollu li hu bi dritt tagħhom u tali ħlas għandu jsir fi żmien massimu ta' sitt xhur.. Qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta' €70 u dan wara li rat dak li jgħid l-artikolu 3(1) proviso tal-Kap 66 u qed tordna l-konfiska tal-munizzjon kollu skond kif kien jiddisponi l-artikolu 19 tal-istess Kap 66. Il-Qorti qed twissi lill-imputat dwar l-implikazzjonijiet kemm tal-artikolu 28A kif ukoll tal-artikolu 28H tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------